MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Rikors Numru. 492/2013

ab

**-vs-**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti nomine li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi il-partijiet kienu zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elf disgha mija hamsa u disghin (1995) fil-Parrocca tal-Kalkara Malta (Dok A);
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat fl-ghoxrin (20) t'April tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Dok B);
3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal izjed minn erba' snin skond kif titlob il-Ligi u kif ser jigi pruvat fil-mori tar-rikors odjern;
4. Illi l-partijiet ddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;
5. Illi r-rikorrenti Genovese inkarigat lili, l-avukata taghha Dr Marie-Elise Agius permezz ta' prokura limitata datata l-hdax (11) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) fl-Atti tan-Nutar Reuben Debono sabiex nidher f'kull seduta jew medjazzjoni u niffirma d-dokumenti relattivi fil-procedura tad-divorzju (Dok C);

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg ossia divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66D(2) tal-Kapitlu 16 tal-Ligi Nostrana;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talba tal-mandanti tal-mandatarja nomine kif dedotta fir-rikors ipprezentat minnha b'dana li huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' April 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------